TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 312/10

**Carmela Muscat**

**vs**

**Borg Repairs and Spares**

Illum 23 ta' Frar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 t'Awwissu , 2010 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mitt ewro (€100), kif ukoll li tissewwa l-magna.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kellha żewġ magni tal-ħasil għat-tiswija u ċemplet lill-intimat sabiex issewwihom, pero' dawn ma ssewwewx.

L-intimat issottometta li dawn qed jintużaw mhux għall-użu personali, iżda tista' tgħid għall-użu kummerċjali u dawn il-magni mhumiex ta' strapazz.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, qed jaċċetta l-verżjoni tal-intimat stante li dawn qed jintużaw mhux għall-użu personali u allura ma jaqgħux taħt il-kompetenza tat-Tribunal, u qed jintużaw b'mod kummerċjali u kif ukoll qed jintużaw għal strapazz li mhuwiex l-użu tagħhom.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**